Kunsill Lokali
Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 9– It-Tnejn 13 ta' Jannar 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fil-4:15pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| | Loredana Agius | Ambaxxattriċi |

**Skużat**

| | | |
|---|---|---|
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |

9.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

9.2.1 Inqraw il-minuti u ġew ikkonfermati.

**9.3 Qari ta' l-ittri ta' apologija**

9.3.1 Is-Segretarja qrat l-ittra mingħand il-Viċi Sindku Franco Ciangura fejn talab sabiex jiskuża ruħu milli jattendi għal-laqgħa peress li ma jiflaħx.

**9.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

9.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal fatt li din hija l-ewwel laqgħa wara l-Milied, xahar impenjattiv ħafna għall-ħaddiema u staff fejn jikkonċerna Bethlehem f'Għajnsielem u l-attivitatjiet f'dan il-perjodu li kienu jammontaw għal madwar 15 f'Diċembru. Huwa rringrazzja lil kulħadd għall-impenn tiegħu nklużil-kunsilliera u l-Viċi Sindku. L-attivitajiet u t-tiżjin ġdid tal-Milied intlaqgħu tajjeb ħafna kif ukoll l-outdoor *PA sound system* li ser tibqa' hemm permanenti biex tintuża f'okkażjonijiet oħra.

9.4.2 Sar qbil li sena oħra għandna nżidu fit-tizjin speċjalment fil-Pjazza tad-Dehra u Pjazza Tolfa. Sar qbil ukoll li għandna nixtru xi tiżjin oriġinali anke minn barra u nżiduh mal-kuntratt tat-tiżjin tal-Milied li noħorġu ta' kull sena. Is-Sindku hawnhekk ħass li għandu jirringrazzja b'mod partikolari lill-ħaddiem Josef Camilleri li ħadem ħafna minn qalbu u espona l-kapacita' tat-talent li għandu. Il-kunsilliera Stephen Mercieca u Teddy Saliba lkoll issuġġerew li għandna nikru x'imkien bħala *store* għat-tiżjin u materjal ieħor tal-Kunsill. Sar qbil li għandna niċċekjaw mal-MCAST għandhomx xi *garages* u nħallsu xi tip ta' kera jew nsibu post ieħor adekwat.

9.4.3 Is-Sindku rrefera għas-suċċess kbir tal-ħdax il-edizzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem minkejja li sal-Milied kien dejjem bil-maltemp. Huwa semma li wara li ntemmet din l-attivita' bgħat ittra ta' ringrazzjament lill-għaqdiet. L-attivita' tal-Maġi minn Malta ntlaqgħet tajjeb ħafna wkoll u anke l-Kunsilli fejn waqfu waqt il-miġja tagħhom, laqgħuhom tajjeb ħafna. Il-Kunsill qabel għalhekk li għandu jibgħat email ta' ringrazzjament lil kull kunsill involut.

9.4.4. Is-Sindku esprima xi ftit id-diżappunt tiegħu li bħala *coverage* fuq il-*facebook page* u Bethlehem f'Għajnsielem din is-sena ma' saru l-ebda *live updates* kif ġara fis-snin preċedenti. Is-Sindku fakkar li l-għan ewlieni tal-attivita' tas-Slaten Maġi hi li tkun ta' promozzjoni għal Bethlehem f'Għajnsielem. Is-Sindku qal li ġie infurmat li n-nuqqas ta' *liveupdates* seħħ minħabba problemi tekniċi. Sar qbil li għandna naraw kif dawn in-nuqqasijiet nirringawhom sabiex ma jerġgħux jiġu repetuti.

9.4.5 Is-Sindku għamel referenza wkoll għas-suċċess tal-attivita' tal-isports day tradizzjonali u rringrazzja b'mod speċjali lil kunsillier Stephen Mercieca tal-organizazzjoni u tal-għajnuna li offra fosthom li għamel il-platforms.

9.4.6 Is-Sindku Kevin Cauchi qal li hekk kif intemmu l-ewwel 6 xhur ta' ħidma, huwa propona li nippublikaw fuljett bl-attivitajiet u xogħolijiet li saru matul dan il-perjodu u jitqassam f'kull dar. Huwa qal li fejn qabel dan il-ktejjeb kien jiġi ippublikat kull 4 xhur issa ser isir darbtejn f'sena. Is-Sindku semma' li matul dan il-perjodu saru 40 attivita' apparti xogħolijiet u proġetti oħra.

9.4.7 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa tas-Sindki tar-Reġjun Għawdex fejn matulha ġie kkonfermat li l-Kunsill tagħna ser jirċievi mal-€4800mid-dhul taċ-ċitazzjonijiet.

9.4.8 Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-inizjattiva li ser iniedi r-Reġjun Għawdex ser jibda juża l-berġa ta' kull raħal għall-servizz soċjali li jistgħu jiġu provduti.

9.4.9 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu flimkien mas-Segretarja, mal-Kuntrattur ta' Road Construction li ser iwettaq Triq Hamri u mal-Inġiniera tal-Enemalta. Huwa semma' li l-ewwel iridu isiru x-xogħolijiet tal-Enemalta u wara jitkomplew ix-xogħolijiet tagħna. Is-Sindku nforma b'sodisfazzjon il-fatt li llum inbdiet Triq Sant'Antnin mill-Ministeru għal Għawdex , biċċa xogħol li kienet ilha ħafna mistennija. Huwa rrefera għal fatt li peress li nserta l-istess kuntrattur inkunu nistgħu nikkoordinaw ix-xogħolijiet aħjar.

9.4.10 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal fatt li fil-Belvedere tax-Xatt l-Aħmar hemm nuqqas kbir ta' dawl u ma hemmx arblu fejn teħel bozza. Huwa qal li ser ikellem lill-Inġinier Mizzi dwar il-possibilita' li ssir trinka zgħira u nagħmlu xi tip ta' dawl mal-belvedere.

9.4.11 Is-Sindku Kevin Cauchi irrefera għad dlam kbir fi hemm fil-bidu ta' Triq iż-Zewwieqa . mill-kantuniera ta' Triq Sant Antnin sas-siġra ta' ħdejn il-parkeġġ fejn jinħtieġ li issir bozza. Sar qbil li għandna napplikaw.

9.4.12 Huwa semma li l-Enemalta jinħtieġ li tiġi kkuntatjatha wkoll għal fatt li qed jirriżulta li hawn vultaġġ għoli mad-dawra tal-pjazza. Qed jirċievi diversi lmenti li qed jinħarqu xi oġġetti inkluż fiż-żewġ każini u fil-fatt anke fil-Kunsill riċentament inħarqet il-*motherboard* tal-*aircondition* tal-kunsill li ser tiġi tiswa kważi €1000 biex tinbidel.

9.4.13 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li hu kkuntatja lil kumpanija Alberta rigward il-panelli fotovoltajiċi tal-Kunsilll li ilhom għal ħafna snin jagħtu 1.5 unit kuljum biss . Dan mhux aċċettabli meta il-Kunsill investa f'sistema ta' 3.4kw. Sar qbil li għandhom jiġu jagħmlu inspection u filkaż inkellmu Inginier biex joħroġ b'xi soluzzjoni.

9.4.14 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal-laqgħa li kellu mal-Konsul tal-Kanada is-Sur Raymond Xerri, fejn ġibidlu l-attenzjoni għat-trunċiera li tinsab fl-inħawi taż-Zewwieqa magħrufa bħala l-Blata l-Bajda fil-konfini ta' Għajnsielem u tkun ħaġa sabiħa tiġi restawrata. Sar qbil li għandna nibgħatu din il-proposta lill-Ministeru għal Għawdex peress li din tinsab fir-rotta ta' waħda mill-isbaħ *country walks* f'Għawdex.

## 9.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

9.5.1 Il-kunsillier Larry Buttigieg aċċena għall-importanza li tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lill-kunsilli lokali kollha parteċipi fil-Miġja tal-Maġi għax permezz ta' okkażżjonijiet bħal dawn tinbena ċerta ħbiberija bejn il-lokalitajiet.

9.5.2 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrefera għall-ħtieġa tat-tiswija tal-*isleeping policemen* quddiem l-MCAST. Huwa saħaq ukoll sabiex insolvu l-problemi ta' għargħar f'xi toroq sabiex wara nkunu nistgħu nimbarkaw fuq proġett kapitali.

9.5.3 Is-Sindku saħaq li għandna nbattlu l-ixmara li hemm f'Ta' Passi peress li l-ilma huwa mielaħ u l-plastik imqatta' u jrid jinbidel. Raġuni oħra hija li jitneħħa l-periklu u ma' jkunx hemm nemus fis-sajf.

9.5.4 Il-kunsillier Teddy Saliba talab sabiex issir evalwazzjoni tal-infieq ta' Bethlehem f'Għajnsielem. Is-Sindku wieġbu li qed jinġabru l-ispejjes ta' din l-edizzjoni u wara jkun jista jingħata randikont.

9.5.5 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-proġett ta' *storm water culvert* li qed isir fi Triq Malta u għal grada li hemm fejn jispiċċa u li għandna nitolbu sabiex jirranġawha għax tinsab ftit perikoluża.

9.5.6 Il-kunsillier Teddy Saliba talab sabiex jissewwew il-*floor lights* tal-Belvedere ta' Triq Hamri. Sar qbil li għandna nirrapurtawhom mal-kuntrattur Richard Cauchi peress li l-*floor lights* qed jimtlew bl-ilma u kultant ma jixgħelux. Il-kunsillier Saliba talab ukoll sabiex biċċa gallerija f'dan l-istess Belvedere tiġi rranġata għax tat dehra ta' telqa. Is-Sindku ssuġġerixxa li nirrangawha u fiha wkoll ninkludu *mini public library.*

9.5.7 Il-kunsillier Teddy Saliba lest li joffri kotba b'xejn għal dawn il-*mini libraries.*

## 9.6 Korrispondenza u Rapporti

9.6.1 Ġiet trattata l-korrispondenza mingħand Heidi Grech rigward il-Proġett ta' Cat Cafe' Gozo. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob sabiex jiġu ntrodotti tnejn fix-Xatt, waħda ħdejn il-bajja tal-Ġardun u oħra fiż-Zewwieqa Waterfront u li għandha tiġi ntrodotta oħra fi Triq iż-Zewwieqa, Għajnsielem.

9.6.2 Ġiet trattata t-talba sabiex tinxtegħel bozza antika li hemm mal-Gleneagles bar fix-Xatt. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq din it-talba.

9.6.3 Ġie trattat il-kont tar-Road Construction li jammonta għall-€23,190.30 inkluż il-VAT ta' xogħolijiet ta' trinka u xogħolijiet oħra konnessi mal-proġett tat-taraġ li kienu fit-Tender ta' LBV Ltd u peress li rajna li qed jieħu fit-tul u ma għandux biex jagħmlu, il-Kunsill fuq qbil fil-laqgħat preċedenti ma kellux triq oħra għajr li jukkantatja lil kuntrattur ieħor li jista jaqdina b'emergenza. Il-kont huwa approvat mill-Perit tal-Proġett Shawn Micallef. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi bil-ħlas ta' dan il-kont u l-items tiegħu jitnaqqsu mill-kont ta' LBV Ltd.

9.6.4 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta sabiex jinżebgħu *double yellow lines* fl-ewwel biċċa ta Triq il-Merkanti minn Triq l-Imgarr. Sar qbil li għandna nipproċedu b' din it-talba.

9.6.5 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta sabiex titwaħħal mera fi Triq il-Ġnien kantuniera ma' Triq Bengħazi. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi b'din it-talba.

9.6.6 Ġiet trattata t-talba sabiex jinqata' l-ħaxix ħażin fi Triq Palma.

## 9.7 Attivitajiet: Karnival / Mawra / Ħarġa Malta

9.7.1 Is-Sindku rrefera għall-ewwel attivita fil-kalendarju 2020, dik tal-Karnival. Bħala data l-Kunsill qabel li għandha ssir s-Sibt 22 ta' Frar u tibda mis-13:30 'l quddiem. Saret referenza għal fatt li sabiex il-banda lokali San Ġużepp tkun tista tipparteċipa fil-Karnival t'Għawdex jinħtieġ li jkollhom kostum. Għalhekk is-Sindku ressaq il-proposta, li anke ġiet prosposta fis-snin l-imgħoddija mill-Kunsillier Larry Buttigieg, sabiex bħala Kunsill għandna nixtrulhom kostum sabiex b'hekk ikunu jistgħu jmorru jdoqqu fil-Karnival t'Għawdex u postijiet oħra u bħala kumpens lilna jagħtuna servizz b'xejn fl-attivita' tagħna tal-Karnival. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u sar qbil li għandna nixtru madwar ħamsin kostum.

9.7.2 Sar qbil li għandna nippruvaw inżommu mal-budget tas-snin ta' qabel u bħala kompetizzjonijiet isiru l-istess kompetizzjonijiet fosthom dik tal-kukkanja.

9.7.3 Sar qbil li għandna nipprovaw nistiednu lil J Anvil bħala preżentatur.

9.7.4 Sar qbil ukoll li għandna nibbukjaw is-sound meħtieġ.

9.7.5 Sar qbil ukoll li għandna napplikaw mal-Ministeru għal Għawdex għal fondi għal din l-attivita'.

9.7.6 Sar qbil li fi Frar għandna nerġgħu norganizzaw ħarġa oħra għall-anzjani.

9.7.7 Is-Sindku rrefera għad-diversi talbiet li kellu sabiex norganizzaw *weekend break* f'Malta. Sar qbil li għandna nġibu stimi ta' lukandi fil-Qawra għal *weekend* ta' qabel jew dak ta' wara l-Karnival.

9.7.8 Is-Sindku rrefera għall-ġita barra minn Malta li kien ħa ħsiebha l-Kunsillier Teddy Saliba u li kienet rnexxiet ħafna. Huwa propona għal matul din is-

sena għandna naraw norganizzaw xi mawriet barra minn Malta preferibilment billi nżuru l-Belt ta' Loretu, l-Italja ta' Fuq u l-Awstrija.

## 9.8 Trakka temporanja tar-roti

9.8.1 Is-Sindku rrefera għat-trakka tar-roti li saret fil-European Mobility Week u għal fatt li minn dakinhar l'hawn, grupp ta' tfal baqgħu jiltaqgħu u jipprattikaw dan l-isports. Huwa għamel referenza li saħansitra dawn kienu huma stess li bdnew trakka temporanja fejn hemm l-arena tas-suldati f'Ta Passi. Huwa għalhekk li qed jippropondi li nagħmlulhom trakka aktar addatata fl-għalqa devoluta lill-Kunsill fejn eventlwalment ser jinbena kumpless. Kullma jinħtieġ huwa li nwittuha u sakemm jinbeda l-proġett ta' din il-binja, issir trakka temporanja fuqha bl-injam anke bl-għajnuna ta' Paul Zerafa biex tkun tista tintuża ghal dan l-isports alternattiv.

## 9.9 Libreriji Zgħar Madwar Għajnsielem / Cat Shelters/Sistema tal-Irrigazzjoni

9.9.1 Is-Sindku rrefera għall-iskema fejn minnha bbenifikajna għal sistema tal-irrigazzjoni . Huwa propona li fiċ-ċirkostanzi li ser jitħawwlu ammont sostanzjali ta' siġar f'Ta' Passi, ippropona li s-sistema nippruvaw nixxiftjawha Ta' Passi anke peress li fl-istess post hemm ġiebja ezistenti. Il-Kunsill qabel ma' dan. Sadanittant hu ħabbar l-attivita konnessa ma' Arbor Day li ser issir f'Għajnsielem nhar il-Hamis 16 ta' Jannar f' Ta' Passi organizzata mill-Ministeru għal Għawdex fejn għażlu lil Għajnsielem. Is-Sindku esprima l-gratitudni tiegħu lejn din l-għazla.

9.9.2 Is-Sindku ressaq il-proposta ta' mini outdoor libraries għall-użu tal-pubbliku u għandhom jitpoġġew fil-playing fields, pjazez, belvederes, u siti oħra . Dawn mhumiex ta' spiża kbira u għalhekk għandna nsibu xi mastrudaxxi mil-lokal sabiex nordnaw ftit minnhom biex nintroduċuhom kemm jista jkun malajr.

9.9.3 Is-Sindku rrefera ħabbar ukoll bi pjaċir li l-iskema ta' Cat Cafes ġiet aċċettata u ser nieħdu s-somma ta' €4500. Biex inkunu nistgħu nwettqu dan il-proġett. Il-kunsill qabel li għandu jibda jattwah kemm jista jkun malajr.

## 9.10 Xatt l-Aħmar – Laqgħa Pubblika

9.10.1 Sar qbil li għandna nitolbu lil Ministeru għal Għawdex sabiex issir laqgħa pubblika biex jiġi spjegat x'ser isir lill-pubbliku. Sar qbil ukoll li rridu naraw kif ser inneħħu dak il-ġebel kbir li waqa waqt il-maltempata.

9.10.2 Is-Sindku rrefera għal fatt li sadanittant ressaqna talba lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jgħinuna billi jingħata wiċċ ġdid lill-parti mħarrbta tat-triq

peress li tinsab fi stat ħain ħafna. Sar qbil ukoll li fix-xhur tas-sajf għandna nintroduċu *signs* biex nibdlu t-triq f'*One Way Accept for Farmers.*

9.10.3 Is-Sindku propona li għandha ssir Platform fejn is-slipway l-antika bejn il-kmamar kif ukoll Mall żgħir fejn kien hemm (fejn kien hemm l-ispringboard), Sar qbil li għandna nressqu talba għalihom. Sar qbil ukoll li għandna nressqu talba oħra għal *slipway* bħal din għal bajja tal-Ġardun. Il-kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex jiġu il-Passaġġ tal-ħadid jitranġa, jitressaq ftit il-barrra u jitwal.

**9.11 Pjazza Tolfa**

9.11.1 Is-Sindku propona li sakemm ma jiġux affettwati l-*parking spaces*, id-disinn ta' Pjazza Tolfa għandu jizdied b'metru kull naha. Sar qbil li għandna nimmodifikaw id-disinn biex eventwalment napplikaw għall-permessi neċessarji.

**9.12 Arkata Storika Wied il-Kbir**

9.12.1 Is-Sindku propona li peress li l-Perit Edward Scerri jieħu f'idejh l-proġett tal-Arkata f'Wied il-Kbir billi kien diġa ħa ħsiebha qabel u għandu wkoll il-proġett tal-family park f'Ta Passi u anke il-binja tal-Kumpless ta' wara il-kazin tal-Banda. Dan sabiex isir pjan ħolisitku minn Perit wieħed ta' din l-area kollha. Il-Kunsill qabel ma' dan.

**9.13 Tħawwil ta' sigar f'Ta' Passi**

9.13.1 Is-Sindku Kevin Cauchi bi pjaċir ħabbar li l-Ministeru ghal Għawdex għażel lil-lokalita' ta' Għajnsielem sabiex fiha tinżamm ċelebrazzjoni ta' Arbor Day fejn jitħawwlu ammont ta' siġar.

9.13.2 Bi qbil li kien sar f'laqgħat preċedenti bħala sit intagħżel Ta' Passi. Huwa rrefera għal fatt li kkuntatja lis-Sur Joseph Bonello fejn tana parir dwar liema tip ta' siġar u arbuxelli huma addottati għal post u fejn l-aħjar jitħawlu. Ghal dan il-ghan ser jinghatawlna mitt (100) sigra. Fuq parir tas-Sur Bonello zidna wkoll hamrija lill-ghelieqi fejn ser jithawwlu s-sigar ghax wara site inspection li għamel ra li huma nieqsa mill-ħamrija.

9.13.2 Is-Sindku rrefera wkoll għas-siġar taż-żebbug u ċitru li ngħataw lilna minn Ambjent Malta li wkoll iridu jitħawwlu fl-istess post.

9.13.3 Il-ħaddiema tal-Kunsill ħasbu għall-ħtiġijet kollha neċessarji fosthom qasab.

9.13.4 Is-Sindku rrimarka illi permezz tat-tħawwil ta' siġar f'Ta' Passi, inkunu qed nibgħatu messaġġ favur l-ambjent li qed inżidu s-siġar biex jikkupensaw għat-tniġġis tal-arja li toffri Mgarr Road bħala triq arterja.

9.13.5 Is-Sindku propona wkoll li għandna nitolbu lill-Ministeru għal Għawdex sabiex tassenja żewg haddiema li jieħdu ħsieb Ta' Passi is-sena kollha peress li qed iservi ta' park matul is-sena.

## 9.14 Approvazzjoni tal-Evaluation Report tal-Hitan tas-Sejjieħ

9.14.1 Is-Segretarja preżentat ir-rapport tal-evalwazzjoni għall-offerta ta' bini ta' Ħitan tas-Sejjieh fi Triq il-Brieghen Għajnsielem taħt il-Miżura 4.4.

9.14.2 Għal din l-offerta ntefgħu żewġ offerti mingħand:- Eson għall prezz ta' €65,943.00 eżkluż il-VAT u mingħand Gatt Enterprises Ltd għall-prezz ta' €152,299.50 eżkluż il-VAT.

9.14.3 Il-Kumitat tal-Evalwazzjoni kompost minn: Kunsillier Larry Buttigieg, is-Sur William Sultana, Perit Shawn Micallef, Avukat Jonathan Mintoff u s-Segretarja Lucienne Haber, qed jirrakkomandaw li wara li saret l-evalwazzjoni u sabu lill-orħos offerta kompatibbli, l-għażla għandha taqa fuq l-orħos offerta dik ta' Eson.

9.14.4 Il-Kunsill qabel li għandna mmexxu mar-rakkommandazzjoni tal-Bord.

## 9.15 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-Impjegati

9.15.1 Is-Sindku Kevin Cauchi preżenta l-Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber. Huwa propona li s-Sinjura Haber tingħata l-Performance Bonus massimu ta' 10% tas-salarju tagħha peress li twettaq xogħolha tajjeb ħafna u taqbeż il-limitu biex tara lill-Kunsill jimxi ' l quddiem u jispikka fuq oħrajn. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma' dan. Is-Segretarja minn naħa tagħha rringrazzjat lill-Kunsill tal-fiduċja li għandhom fiha u tal-apprezzament ta' xogħolha. Hija stqarret li kelma ta' tifħir jew apprezzament tgħin lilha u lit-team tagħha għal ħafna aktar motivazzjoni u mħabba lejn il-post fejn taħdem.

## 9.16 Tiġdid kuntratt tal-Impjegata Claire Hili

9.16.1 Is-Segretarja preżentat kopja tal-kuntratt tal-Uffiċjal Eżekuttiv Claire Hili li wasal għat-tiġdid tiegħu. Il-kunsill qabel unanimament li għandu jġedded il-kuntratt lis-Sinjura Hili bi tlett snin.

**9.17 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

9.17.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

**9.18 Materji oħra**

9.18.1 Għal-laqgħa kien prezenti t-tenur Angelo Muscat li ressaq zewġ proposti ta' kunċerti wieħed ta' muzika Sagra fi zmien ir-Randan fil-Knisja t'Għajnsielem u l-iehor fis-16 t'Awwissu fil-Forti ta' Chambray. Huwa talab lill-Kunsill sabiex jgħinu bħala sponsor għal din l-attivita' billi jgħid fil-logistika bħalma huma palk, posters u oħrajn. Il-Kunsill qabel li l-attivitajiet għandhom isiru f'Għajnsielem u fejn jitgawdew minn nies tal-lokal. Il-Kunsill talbu pjan ta' x jinħtieġ u x'ser isir u jkun jista jimxi minn hemm dwar l-għajnuna li jista joffri.

9.18.2 Waqt il-laqgħa kienu mistiedna r-rebbieħa tal-kompetizzjonijiet tal-Milied biex issir il-Premjazzjoni taghhom. Is-Sindku feraħ u rringrazzja lir-rebbieħ għad-dedikazzjoni u input li taw biex jgħinu biex ikollna atmosfera tal-milied fil-lokal. Huwa kompla billi kkonferma li ser ninvestu biex nincentivaw lil nies bħal dawn sabiex ikomplu jikkontribwixxu favur il-Milied f'Għajnsielem.Huwa talabhom sabiex ikunu huma li jipprovdulna kull idea li għandhom għax aħna miftuħin għall-ideat. Is-Sindku rrefera għal fatt li fuq suġġeriment tal-Għaqda Hbieb tal-Presepju Għajnsielem li kienu l-ġurija ta' din il-kompetizzjoni, zidna premju ta' mertu . Minn naħa tagħhom ir-rebbieħa rringrazzjaw lill-Kunsill għal dawn il-ħafna opportunijtajiet li joffri lejn it-talenti lokali.Minn naħa tiegħu l-kunsillier Teddy Saliba rrefera għal-fatt li l-Għaqda Hbieb tal-Presepji li lesti li jagħmlu marketing tal-presepji tal-partecipanti kollha. Huwa semma' kif bħala Għaqda huma jorganizzaw ukoll diversi attivitajiet tal-bini tal-presepju. Is-Sindku Kevin Cauchi semma'wkoll kif fil-proġett propost taċ-Ċentru tal-Kommunita se jkun hemm spazju ta' wirjiet permanenti fosthom esebizzjonijiet tal-Presepji.

9.18.3 Għal-laqgħa kien prezenti wkoll l-artist Paul Stellini fejn ipprezenta u spjega d-disinn tal-*upgrading* tal-librerija. Il-Kunsill laqa' tajjeb ħafna d-disinn provduta u ġew diskussi xi emendi.

9.18.4 Il-Kunsillier Stephen Mercieca għamel referenza għall-funtana tal-Pjazza tad-Dehra u għal fatt qed isegwi x-xogħolijiet tal-irrangar tal-funtana. Huwa spjega kif il-pompa ezistenti hija rreparabli. Huwa qal li konna ser inpoġġuha submersible izda jidher li hija problema sabiex terga tiddawwar is-sistema kolla ta' pajpijiet. Huwa kompla jispjega li sabiex nevitaw il-ħsara sar qbil li għandna ntellgħu kollox fuq, issir kaxxa fuq u nevitaw u neliminaw il-problemi kollha tal-ilma u anke tizdied il-pressa ta' fuq. Ser jiġi eliminat ukoll id-dawl tar-raġġ u ser jinbidel f'madum li filgħaxija jirrifletti d-dawl. Problema oħra li rrefera għaliha l-Kunsillier Mercieca hija dik tal-irrigation tal-istess pjazza u irridu naraw kif inħaddmuha wkoll.

## 9.19 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

9.19.1 Il-laqgha ntemmet fis-7:30 ta' filghaxija u giet aggornata għal nhar it-Tlieta 11 ta' Frar 2020 fl-4:15pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**